



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2011/0283(COD)

10.2.2012

EMENDI 5 - 21

Abbozz ta' opinjoni
Rolandas Paksas
(PE478.650v01-00)

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 dwar ċerti dispożizzjonijiet marbuta mal-kondiviżjoni tar-riskju għal ċerti Stati Membri li qed jesperjenzaw jew huma mhedda b'diffikultajiet serji fejn tidħol l-istabilità finanzjarja tagħhom

Proposta għal regolament
(COM(2011)0655 – C7-0350/2011 – 2011/0283(COD))

AM_Com_LegOpinion

Emenda 5
Iliana Ivanova

Proposta għal regolament
Titolu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 dwar ċerti dispożizzjonijiet marbuta mal-istrumenti għall-kondiviżjoni tar-riskju għal Stati Membri **li qed jesperjenzaw jew huma mhedda b'diffikultajiet serji fejn tidħol l-istabilità finanzjarja tagħhom.**

Emenda

Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 dwar ċerti dispożizzjonijiet marbuta mal-istrumenti għall-kondiviżjoni tar-riskju għal Stati Membri.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Fid-dawl tal-kriżi attwali l-Istati Membri kollha qed jesperjenzaw diffikultajiet biex jattiraw il-kapital privat. F'dan ir-rigward l-istrument finanzjarju li se jinholq mid-dispożizzjonijiet stipulati f'dan ir-Regolament għandu jkun disponibbli għall-Istati Membri kollha, u mhux ristrett biss għall-Istati Membri li qed jesperjenzaw diffikultajiet finanzjarji.

Emenda 6
Iliana Ivanova

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) Il-kriżi globali finanzjarja u r-reċessjoni ekonomika mingħajr preċedent għamlu ħsara serja lit-tkabbir ekonomiku u lill-istabilità finanzjarja, u ħolqu deterjorament qawwi fil-kondizzjonijiet finanzjarji u ekonomiċi **ta' diversi Stati** Membri.

Emenda

(1) Il-kriżi globali finanzjarja u r-reċessjoni ekonomika mingħajr preċedent għamlu ħsara serja lit-tkabbir ekonomiku u lill-istabilità finanzjarja, u ħolqu deterjorament qawwi fil-kondizzjonijiet finanzjarji u ekonomiċi **tal-Istati** Membri **kollha.**

Or. en

Tispjega ruħha weħidha.

Emenda 7
Theodoros Skylakakis

Proposta għal regolament
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2a) Il-kriżi serja ta' dejn f'ħafna pajjiżi tal-programm titlob għal mezz ġodda u innovattivi ta' investiment tal-Fondi Strutturali, li se jiffaċilitaw l-aħjar użu possibbli tagħhom fil-perjodi ta' programmar tal-2007 sal-2013 u tal-2014 sal-2020.

Or. en

Emenda 8
Iliana Ivanova

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(13) Sabiex itaffu dawn il-problemi u biex titħaffef l-implimentazzjoni tal-programmi u l-proġetti operazzjonali, kif ukoll biex jissaħħaħ l-irkupru ekonomiku, huwa xieraq li l-awtoritajiet amministrattivi tal-Istati Membri ***wara li esperjenzaw diffikultajiet serji fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja u li ngħataw assistenza finanzjarja skont wieħed mill-mekkaniżmi ta' assistentenza finanzjarja stipulati hawn fuq*** jistgħu jikkontribwixxu riżorsi finanzjarji mill-programmi operazzjonali għat-twaqqif ta' strumenti għall-kondiviżjoni tar-riskju li jipprovdi self jew

(13) Sabiex itaffu dawn il-problemi u biex titħaffef l-implimentazzjoni tal-programmi u l-proġetti operazzjonali, kif ukoll biex jissaħħaħ l-irkupru ekonomiku, huwa xieraq li l-awtoritajiet amministrattivi tal-Istati Membri ***kollha*** jistgħu jikkontribwixxu riżorsi finanzjarji mill-programmi operazzjonali għat-twaqqif ta' strumenti għall-kondiviżjoni tar-riskju li jipprovdi self jew garanziji finanzjarji jew faċilitajiet finanzjarji oħra, b'appoġġ għall-proġetti u l-operazzjonijiet previsti taħt programm operazzjonali.

garanziji finanzjarji jew faċilitajiet finanzjarji oħra, b'appoġġ għall-proġetti u l-operazzjonijiet previsti taħt programm operazzjonali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-aċċess għall-istrument il-ġdid għandu jingħata lill-Istati Membri kollha li jkunu jixtiequ jipparteċipaw.

Emenda 9 **Elisa Ferreira**

Proposta għal regolament **Premessa 13**

Test propost mill-Kummissjoni

(13) Sabiex itaffu dawn il-problemi u biex titħaffef l-implimentazzjoni tal-programmi u l-proġetti operazzjonali, kif ukoll biex jissaħħaħ l-irkupru ekonomiku, huwa xieraq li l-awtoritajiet amministrattivi tal-Istati Membri wara li esperjenzaw diffikultajiet serji fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja u li ngħataw assistenza finanzjarja skont wieħed mill-mekkaniżmi ta' assistentenza finanzjarja stipulati hawn fuq jistgħu jikkontribwixxu riżorsi finanzjarji mill-programmi operazzjonali għat-twaqqif ta' strumenti għall-kondiviżjoni tar-riskju li jipprovdi self jew garanziji finanzjarji jew faċilitajiet finanzjarji oħra, b'appoġġ għall-proġetti u l-operazzjonijiet previsti taħt programm operazzjonali.

Emenda

(13) Sabiex itaffu dawn il-problemi u biex titħaffef l-implimentazzjoni tal-programmi u l-proġetti operazzjonali, kif ukoll biex jissaħħaħ l-irkupru ekonomiku, huwa xieraq li l-awtoritajiet amministrattivi tal-Istati Membri wara li esperjenzaw diffikultajiet serji fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja u li ngħataw assistenza finanzjarja skont wieħed mill-mekkaniżmi ta' assistentenza finanzjarja stipulati hawn fuq jistgħu jikkontribwixxu, ***b'mod temporanju u mingħajr ħsara għall-perjodu ta' programmar tal-2014 sal-2020***, riżorsi finanzjarji mill-programmi operazzjonali għat-twaqqif ta' strumenti għall-kondiviżjoni tar-riskju li jipprovdi self jew garanziji finanzjarji jew faċilitajiet finanzjarji oħra, b'appoġġ għall-proġetti u l-operazzjonijiet previsti taħt programm operazzjonali.

Or. en

Emenda 10
Ramon Tremosa i Balcells

Proposta għal regolament
Premessa 14a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(14a) Ċerti reġjuni b'setgħat leġislattivi u fiskali għandhom ir-responsabilità għall-immaniġġjar tal-Fondi Strutturali u l-Fond ta' Koeżjoni. Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament rigward l-Istati Membri għandhom ikunu wkoll applikati għal dawn ir-reġjuni.

Or. en

Emenda 11
Ramon Tremosa i Balcells

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(15) Fid-dawl tal-ħtieġa li jkun hemm espansjoni fl-opportunitajiet ta' investiment li jistgħu jitfaċċaw fl-Istati Membri kkonċernati, il-Kummissjoni tista' wkoll tistabbilixxi strumenti għall-kondiviżjoni tar-riskju ma' korpi tas-settur pubbliku nazzjonali jew internazzjonali jew korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku li jipprovdu garanziji adegwati kif imsemmi fl-Artikolu 54(2)(c) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej¹⁰ taħt termini u kondizzjonijiet simili għal dawk tal-BEI.

(15) Fid-dawl tal-ħtieġa li jkun hemm espansjoni fl-opportunitajiet ta' investiment li jistgħu jitfaċċaw fl-Istati Membri kkonċernati, il-Kummissjoni tista' wkoll tistabbilixxi strumenti għall-kondiviżjoni tar-riskju ma' korpi tas-settur pubbliku, **reġjonali**, nazzjonali jew internazzjonali jew korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku li jipprovdu garanziji adegwati kif imsemmi fl-Artikolu 54(2)(c) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej¹⁰ taħt termini u kondizzjonijiet simili għal dawk tal-BEI.

Or. en

Emenda 12
Iliana Ivanova

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (KE) Nru 1083/2006
Artikolu 36 – paragrafu 2a – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri **li jissodisfaw waħda mill-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 77(2)**, jistgħu jikkontribwixxu parti mill-allokazzjonijiet finanzjarji indikati fl-Artikolu 19 u l-Artikolu 20 għal strument għall-kondiviżjoni tar-riskju, li se jiġi stabbilit mill-Kummissjoni bi ftehim mal-Bank Ewropew tal-Investment, jew bi ftehim ma' korpi tas-settur pubbliku nazzjonali jew internazzjonali jew korpi rregolati mil-liġi privata b' missjoni ta' servizz pubbliku li jipprovdu garanziji adegwati kif imsemmi fl-Artikolu 54(2)(c) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002, taħt termini u kondizzjonijiet simili għal dawk applikati għal u mill-Bank Ewropew tal-Investment, biex ikopri l-provvista u l-allokazzjoni ta' kapital ta' garanziji u self, kif ukoll faċilitajiet finanzjarji oħrajn, mogħtija taħt l-istrument għall-kondiviżjoni tar-riskju.

Emenda

L-Istati Membri jistgħu jikkontribwixxu parti mill-allokazzjonijiet finanzjarji indikati fl-Artikolu 19 u l-Artikolu 20 għal strument għall-kondiviżjoni tar-riskju, li se jiġi stabbilit mill-Kummissjoni bi ftehim mal-Bank Ewropew tal-Investment, jew bi ftehim ma' korpi tas-settur pubbliku nazzjonali jew internazzjonali jew korpi rregolati mil-liġi privata b' missjoni ta' servizz pubbliku li jipprovdu garanziji adegwati kif imsemmi fl-Artikolu 54(2)(c) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002, taħt termini u kondizzjonijiet simili għal dawk applikati għal u mill-Bank Ewropew tal-Investment, biex ikopri l-provvista u l-allokazzjoni ta' kapital ta' garanziji u self, kif ukoll faċilitajiet finanzjarji oħrajn, mogħtija taħt l-istrument għall-kondiviżjoni tar-riskju.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-istrument ma għandux ikun ristrett għall-Istati Membri li jissodisfaw waħda mill-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 77(2).

Emenda 13
Theodoros Skylakakis

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (KE) Nru 1083/2006
Artikolu 36 – paragrafu 2a – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Tali strument tal-kondiviżjoni tar-riskju għandu jintuża esklussivament għal self u garanziji, kif ukoll faċilitajiet finanzjarji oħra, biex jiffinanzja operazzjonijiet kofinanzjati mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni, rigward nefqa li mhix koperta bl-Artikolu 56.

Emenda

Tali strument tal-kondiviżjoni tar-riskju għandu jintuża esklussivament għal self u garanziji, kif ukoll faċilitajiet finanzjarji oħra, biex jiffinanzja operazzjonijiet kofinanzjati mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni, rigward nefqa li mhix koperta bl-Artikolu 56. ***Għall-Istati Membri li jissodisfaw waħda mill-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 77(2), dak l-istrument tal-kondiviżjoni tar-riskju għandu jintuża wkoll għal operazzjonijiet marbuta mal-oġettivi tal-politika ta' koeżjoni li mhumieq kofinanzjati mill-programmi tal-Qafas ta' Referenza Strateġika Nazzjonali.***

Or. en

Emenda 14

Philippe Lamberts

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2

Regolament (KE) Nru 1083/2006

Artikolu 36 – paragrafu 2a – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Tali strument tal-kondiviżjoni tar-riskju għandu jintuża esklussivament għal self u garanziji, kif ukoll faċilitajiet finanzjarji oħra, biex jiffinanzja operazzjonijiet kofinanzjati mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni, rigward nefqa li mhix koperta bl-Artikolu 56.

Emenda

Tali strument tal-kondiviżjoni tar-riskju għandu jintuża esklussivament għal self u garanziji, kif ukoll faċilitajiet finanzjarji oħra, biex jiffinanzja operazzjonijiet ***imminenti li huma parti minn programm operazzjonali u li huma*** kofinanzjati mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni, rigward nefqa li mhix koperta bl-Artikolu 56.

Or. en

Emenda 15

Philippe Lamberts

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2

Regolament (KE) Nru 1083/2006

Artikolu 36 – paragrafu 2a – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

L-istrument tal-kondiviżjoni tar-riskju għandu jiġi implimentat mill-Kummissjoni fil-qafas ta' ġestjoni ċentralizzata indiretta skont l-Artikolu 54(2) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002.

Emenda

L-istrument tal-kondiviżjoni tar-riskju għandu jiġi implimentat mill-Kummissjoni fil-qafas ta' ġestjoni ċentralizzata indiretta skont l-Artikolu 54(2) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002. ***L-għażla tal-Kummissjoni ta' operazzjoni għandha ssir bi qbil mal-Artikolu 41(1) u għandha turi impatti pożittivi fuq l-ekonomiji lokali u s-swieq tax-xogħol.***

Or. en

Emenda 16

Krišjānis Kariņš

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2

Regolament (KE) Nru 1083/2006

Artikolu 36 – paragrafu 2a – subparagrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-iskadenzi għall-implimentazzjoni tal-istrumenti rispettivi tal-kondiviżjoni tar-riskju.

Emenda

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għalkemm it-talba mill-Istati Membri kkonċernati se tkun aċċettata sa tmiem l-2013, l-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-kondiviżjoni tar-riskju għandha tintemm fil-futur previst speċifikat mill-Kummissjoni.

Emenda 17
Krišjānis Kariņš

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (KE) Nru 1083/2006
Artikolu 36 – paragrafu 2a – subparagrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istat Membru kkonċernat għandu jindirizza talba lill-Kummissjoni li għandha tadotta deċiżjoni permezz ta' att ta' implimentazzjoni, li jiddeskrivi s-sistema stabbilita biex tiggarrantixxi li l-ammont disponibbli jintuża għall-benefiċċju esklussiv tal-Istat Membru li pprovdih fi ħdan l-allokazzjoni finanzjarja tal-politika ta' koeżjoni tagħha skont l-Artikolu 18(2), kif ukoll it-termini u l-kondizzjonijiet applikabbli għal tali strument għall-kondiviżjoni tar-riskju. Dawn it-termini u l-kondizzjonijiet għandhom mill-inqas jindirizzaw dan li ġej:

Emenda

L-Istat Membru kkonċernat għandu jindirizza talba lill-Kummissjoni **sal-31 ta' Diċembru 2013** li għandha tadotta deċiżjoni permezz ta' att ta' implimentazzjoni, li jiddeskrivi s-sistema stabbilita biex tiggarrantixxi li l-ammont disponibbli jintuża għall-benefiċċju esklussiv tal-Istat Membru li pprovdih fi ħdan l-allokazzjoni finanzjarja tal-politika ta' koeżjoni tagħha skont l-Artikolu 18(2), kif ukoll it-termini u l-kondizzjonijiet applikabbli għal tali strument għall-kondiviżjoni tar-riskju. Dawn it-termini u l-kondizzjonijiet għandhom mill-inqas jindirizzaw dan li ġej:

Or. en

Emenda 18
Theodoros Skylakakis

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (KE) Nru 1083/2006
Artikolu 36 – paragrafu 2a – subparagrafu 5 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) it-traċċabilità u l-kontabilità, informazzjoni dwar l-użu tal-fondi u sistemi ta' monitoraġġ u kontroll; kif ukoll

Emenda

(a) it-traċċabilità u l-kontabilità, ***l-istruttura ta' governanza f'konsultazzjoni mill-qrib mal-Istat Membru u l-istituzzjonijiet finanzjarji li qed jipparteċipaw***, informazzjoni dwar l-użu ***tal-fattur ta' ingranaġġ, l-użu*** tal-fondi u

sistemi ta' monitoraġġ u kontroll; kif ukoll

Or. en

Emenda 19

Philippe Lamberts

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2

Regolament (KE) Nru 1083/2006

Artikolu 36 – paragrafu 2a – subparagrafu 5 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) it-traċċabilità u l-kontabilità, informazzjoni dwar l-użu tal-fondi u sistemi ta' monitoraġġ u kontroll; kif ukoll

Emenda

(a) it-traċċabilità, ***l-iskrutinju demokratiku*** u l-kontabilità, informazzjoni dwar l-użu tal-fondi u sistemi ta' monitoraġġ u kontroll; kif ukoll

Or. en

Emenda 20

Krišjānis Kariņš

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2

Regolament (KE) Nru 1083/2006

Artikolu 36 – paragrafu 2a – subparagrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni

Kwalunkwe ammont li jibqa' wara t-tlestija ta' operazzjoni koperta minn strument tal-kondiviżjoni tar-riskju jista' jerġa' jintuża, fuq talba tal-Istat Membru konċernat, fi ħdan l-istrument tal-kondiviżjoni tar-riskju, jekk l-Istat Membru għadu jilħaq waħda mill-kondizzjonijiet stabbiliti kif speċifikat fl-Artikolu 77(2). Jekk l-Istat Membru ma jissodisfax dawn il-kondizzjonijiet, l-ammont li jibqa' għandu jitqies bħala dħul assenjat fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 18 tar-Regolament Finanzjarju. Fuq talba mill-

Emenda

Kwalunkwe ammont li jibqa' wara t-tlestija ta' operazzjoni koperta minn strument tal-kondiviżjoni tar-riskju jista' jerġa' jintuża, fuq talba tal-Istat Membru konċernat, fi ħdan l-istrument tal-kondiviżjoni tar-riskju, jekk l-Istat Membru għadu jilħaq waħda mill-kondizzjonijiet stabbiliti kif speċifikat fl-Artikolu 77(2). Jekk l-Istat Membru ma jissodisfax dawn il-kondizzjonijiet, l-ammont li jibqa' għandu jitqies bħala dħul assenjat fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 18 tar-Regolament Finanzjarju. Fuq talba mill-

Istat Membru kkonċernat, approprjazzjonijiet għal impenji addizzjonali ġenerati minn dan id-dħul assenjat għandhom jiżdienu s-sena ta' wara mal-allokazzjoni finanzjarja tal-politika ta' koeżjoni tal-Istat Membru kkonċernat."

Istat Membru kkonċernat, approprjazzjonijiet għal impenji addizzjonali ġenerati minn dan id-dħul assenjat għandhom jiżdienu s-sena ta' wara mal-allokazzjoni finanzjarja tal-politika ta' koeżjoni tal-Istat Membru kkonċernat." **L-ammont li jibqa' fil-31 ta' Diċembru 2013 għandu jiġi trasferit għall-baġit tal-Unjoni Ewropea.**

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Istat Membru fil-fatt iċedi l-allokazzjoni tiegħu tal-politika ta' koeżjoni minħabba l-problemi ta' assorbiment. Jekk l-allokazzjoni rispettiva ma tiġix assorbita qabel il-perjodu ta' programmar li jmiss, għandha tiġi trasferita għall-baġit tal-UE.

Emenda 21 **Iljana Ivanova**

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (KE) Nru 1083/2006
Artikolu 36 – paragrafu 2a – subparagrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni

Kwalunkwe ammont li jibqa' wara t-tlestija ta' operazzjoni koperta minn strument tal-kondiviżjoni tar-riskju jista' jerġa' jintuża, fuq talba tal-Istat Membru kkonċernat, fi ħdan l-istrument tal-kondiviżjoni tar-riskju, **jekk l-Istat Membru għadu jilħaq waħda mill-kondizzjonijiet stabbiliti kif speċifikat fl-Artikolu 77(2). Jekk l-Istat Membru ma jissodisfax dawn il-kondizzjonijiet, l-ammont li jibqa' għandu** jitqies bħala dħul assenjat fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 18 tar-Regolament Finanzjarju. Fuq talba mill-Istat Membru kkonċernat, approprjazzjonijiet għal impenji addizzjonali ġenerati minn dan id-dħul assenjat għandhom jiżdienu s-sena ta' wara mal-allokazzjoni finanzjarja tal-politika ta' koeżjoni tal-Istat Membru kkonċernat."

Emenda

Kwalunkwe ammont li jibqa' wara t-tlestija ta' operazzjoni koperta minn strument tal-kondiviżjoni tar-riskju jista' jerġa' jintuża, fuq talba tal-Istat Membru kkonċernat, fi ħdan l-istrument tal-kondiviżjoni tar-riskju **sa tmiem il-perjodu ta' programmar 2007-2013 jew** jitqies bħala dħul assenjat fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 18 tar-Regolament Finanzjarju. Fuq talba mill-Istat Membru kkonċernat, approprjazzjonijiet għal impenji addizzjonali ġenerati minn dan id-dħul assenjat għandhom jiżdienu s-sena ta' wara mal-allokazzjoni finanzjarja tal-politika ta' koeżjoni tal-Istat Membru kkonċernat."

Ġustifikazzjoni

Minħabba l-fatt li r-regolament propost għandu japplika għall-Istati Membri kollha, għandu għalhekk ikun possibbli li jintużaw il-fondi sa tmiem il-perjodu ta' programmar.